# Ir-Raħal Tagħna fl-Istorja


## Dr Ray Bondin

### (Espert ta' Wirt Dinji u Resident t'Għajnsielem)




Il-pożizzjoni tal-Belt ta` Għajnsielem, cioe eżatt fuq l-għolja tal-port tal-Imġarr, ġà jindika li bilfors li dan ir-raħal kien jeżisti minn dejjem fil-gżira ta` Għawdex. Il-port tal-Imġarr kien mingħajr dubju dejjem importanti għax hu l-eqreb port għal Malta u jfisser għalhekk li żgur li kien imfittex minħabba f'hekk. Huwa veru li Imġarr ix-Xini huwa port aktar protett u kif jindika ismu stess probabilment kien jintuża minn bċejjeċ kbar [imma fuq kollox anke Mġarr ix-Xini huwa parzjalment fit-territorju tar-raħal tagħna.



Iżda l-isem tar-raħal `Għajnsielem` għalija jindika wkoll li dan hu post fejn dejjem kien hawn ilma minħabba l-għajn tiegħu u jekk hu hekk wieħed jifhem li minn dejjem kien abitat għax il-bniedem kien ifittex postijiet li kellhom sors ta` ilma. L-interpretazzjoni tal-isem tar-raħal, biex inkun ġust, hu varjat imma jien nemmen li l-isem jirreferi għall-għajn li kellu [u li għad għandu u li ġie restawrat dan l-aħħar] u għall-fatt li kien post ta` sliem. Hu x`inhu jibqa' l-fatt li anke jekk l-isem ma jirreferix għall-għajn ta` ilma li għandna, il-fatt li kien hawn u għad hawn għajn tal-ilma jfisser li dawn l-inħawi kienu abitati. Huwa fatt li fejn għandna l-għajn tal-ħasselin jinsab proprju kważi fil-qalba ta` fejn kien ir-raħal l-antik bil-Knisja ftit passi 'l bogħod, jiġifieri r-raħal l-antik kien iħares lejn is-sors ta` ilma bħala wieħed mill-punti ta` vantaġġ tiegħu. L-għajn tal-ħasselin nafu li saret fl-1700 meta l-Gran Mastru



kien Perellos, Spanjol, dak bl-arma b`erba` ħawħiet, u li għamel tant fil-gżejjer tagħna.

Però jekk nagħmlu pass lura nsibu li r-raħal tagħna kien minn dejjem imfittex tant li għandna żewġ fdalijiet ta` tempji neolitiċi li però għadhom mhumiex studjati biżżejjed, Il-fatt li kien



hawn żewġ tempji hu l-aqwa evidenza tal-importanza ta` dan ir-raħal minn dejjem. [Nieħu l-okkażjoni biex għal darb`oħra nappella sabiex il-Kunsill Lokali jinsisti mal-awtoritajiet konċernati biex dawn il-fdalijiet jiġu protetti u studjati.] Dawn huma magħrufa bħal Tal-Qiegħan u l-Imrejżbiet. Però dawn iż-żewġ tempji m`humiex l-uniċi fdalijiet miż-żmien tal-bronż li għandna fir-raħal. Kienu diversi s-sejbiet li nstabu, ħafna minnhom intilfu biż-żmien għax ir-raħal qatt ma ngħata l-attenzjoni li jixraqlu. Xtaqt insemmi biss il-fdalijiet fi Triq l-Imġarr li kienu fdalijiet ta` raħal ta` żmien il-bronż: għalkemm dawn kien instabu nofshom ġew distrutti b`binja li saret fuqhom!

Barra minn hekk aħna qed nitkellmu biss fuq dak li jinstabu fit-territorju tal-Kunsill, territorju modern. Hemm ħafna aktar



li kienu jagħmlu parti mir-raħal imma illum huma fit-territorju tal-Kunsilli fil-qrib.



Il-Knisja ta' Santa Ċeċilja hi ta' importanza enormi għax ftit ħafna huma l-fdalijiet taż-żmien medjevali kemm f'Għawdex u kemm f'Malta. Il-fatt li dan il-ġojjell ċkejken imma importanti għadu magħna hu ta' importanza kbira. Wieħed jista' jikkonsidra l-ewwel Knisja ta' Għajnsielem għax żgur hekk kienet u prova oħra li anki fi żmien medjevali Għajnsielem kien importanti għalkemm forsi l-parti l-kbira tad-djar, biex insejħulhom hekk, tal-bdiewa kienu mferrxin kullimkien u forsi ma kienx hemm qalba ta' raħal kif nafuh illum.

Jekk nagħmlu qabża kbira lejn żmien il-Kavallieri [li ma tantx bnew f'Għawdex] għandna fit-territorju tagħna l-akbar fortizza li nbniet f'Għawdex, dik ta' Chambray. Għalkemm illum it-triq tal-Imġarr taqsam ir-raħal fit-tnejn Forti Chambray kien u jibqa' fir-raħal tagħna u jkun tajjeb jekk l-idea tal-Kunsillier Kevin Cauchi, cioe dik li jsir Mużew hawnhekk, idea eċċellenti ssir realta' li jinkisbu l-pjanti originali tal-Fortizza u tal-belt li kien ippjanat jinbena fih. Il-Forti barra s-swar għandna binjiet oħrajn ta' żmien il-Kavallieri u taż-żmien l-Ingliżi li huma skedati bħala bini storiku. Barra minn hekk kien hemm fil-foss ċimiterju tal-Ingliżi u naf li l-propjetarju hu lest li jagħti l-uċuħ tal-oqbra lura lill-Kunsill. Hemm ħafna li bih jista' jimtela l-Mużew!

Il-Kavallieri bnew ukoll ħajt ta' difiża li ftit jafu bih, hu eżatt kif il-ferry ikun se jidħol il-port. Ħafna jaħsbuh ħajt tas-sejjiegħ imma fil-fatt hu ħajt ta' difiża. Ma nistgħux ukoll ma nsemmux it-Torri ta' Garzes li sfortunatament ġie żarmat. Ta' min isemmi wkoll dak it-Torri li hemm ħdejn il-Knisja ta' Santa Ċeċilja, għalkemm ftit nafu dwaru, hu wkoll ta' importanza kbira. Il-preżenza tiegħu ħdejn il-Knisja ta' Santa Ċeċilia jagħtini x'nifhem li jista' jkun li hemm kien hemm il-qalba tar-raħal oriġinali, jew mill-anqas wieħed minnhom.

Hemm imbagħad it-torri ta' Mġarr ix-Xini, torri imponenti, wieħed minn numru mibnija mill-Kavallieri, bl-iskop li jiddefendi l-port ta' Mġarr ix-Xini. Mibni mill-Gran Mastru De Redin li saħħaħ id-difiża tal-kosta ta' Malta u Għawdex b'numru ta' torrijiet, dan fil-fatt tlesta wara mewtu, fl-1661, u hu wieħed mill-akbar. M'għandniex ninsew ukoll li l-Gżira ta' Kemmuna hi parti mit-territorju tagħna, Jien darba kont ipproponejt li Kemmuna tiġi nominata għal Wirt Dinji: nemmen, u naħseb li lkoll tafu bl-esperjenza ta' aktar minn 20 sena li għandi f'dan il-qasam, li hemm każ tajjeb għall-gżira ta' Kemmuna.



Nagħlaq billi nfakkru l-erba' knejjes importanti, li qabel tlieta minnhom kont tarahom b'mod imponenti mill-port tal-Imġarr imma li llum sfortunatament le [kontra l-prinċipju tal-UNESCO li tipproteġi d-dehra lejn il-wirt storiku]. Illum naraw dik ta' Loreto, ġojjell żgħir imma peress li hi fi still gotiku taqbel ħafna mal-parroċċa. Il-Knisja tal-Madonna ta' Loretu hi pjuttost moderna però xorta tibqa' opra kbira ta' arkitettura li għandna għalfejn niftaħru biha u li timpressjona ħafna nies. Il-Knisja ta' Sant' Antnin ta' Padova, tal-Franġiskani Minuri, hi wkoll knisja sabiħa li għandha waħda mill-isbaħ veduti tal-gżira. Il-parroċċa l-qadima hi wkoll ta' arkitettura eleganti u sabiħa u għandha numru sabiħ ta' opri tal-arti inkluż Buhagiar u Calì.

Insomma għandna għalfejn inkunu kburin b'Għajnsielem. Għad hemm x'niskopru. Nispera li l-idea ta' Kevin Cauchi tieħu r-ruħ u li nibdew nistudjaw aktar l-istorja tar-raħal tagħna. Il-proċess innifsu biex isir Mużew jgħin biex niskopru aktar dwar l-istorja tagħna.

